MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Numru 311/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Portelli**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Portelli (ID nru. 66849G) talli fid-29 ta' Novembru 2005, ghall-habta tas-1.00 ta' wara nofs in-nhar, fl-inhawi ta' Mghajza, limiti tan-Nadur, Ghawdex (**1**) volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, strorbju, glied u mod iehor; (**2**) aggredixxa lil Peter Paul Portelli minn Nadur b'oggett iebes (hadida) u kkagunalu feriti [recte: offizi] ta' natura hafifa; u, aktar (**3**) talli fit-28 ta' Novembru ghall-habta tal-kwarta ta' wara nofs in-nhar fl-istess inhawi espona ruhhu fil-pubbliku b'mod indecenti bi ksur tal-Artikolu 338(g) tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-27 ta' Lulju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Portelli mhux hati skond it-tielet imputazzjoni, izda sabitu hati skond l-ewwel u skond it-tieni imputazzjonijiet, ikkundannatu ammenda komplessiva ta' erbghin lira (Lm40) (illum Eur. 93.17) u rabtitu biex ma jkellimx lil Peter Paul Portelli ghal periodu ta' sena taht penali ta' mitt lira fin-nuqqas, u dan ai termini tal-Artikolu 383(1) tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Portelli, minnu ppresentat fl-10 ta' Awissu 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li hu jigi liberat fejn effettivament instab hati, b'mod ghalhekk li jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti, bazikament, filli huwa jikkontendi li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u provi li kellha quddiemha, b'mod li huwa gie misjub hati hazin. Fi kiem iehor, l-appell jirriduci ruhu ghal wiehed dwar apprezzament tal-provi.

Din il-Qorti kellha l-oppportunita` li tisma' mill-gdid il-provi kollha fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2007. Konformement ma' dak registrat fil-verbal ta' l-istess udjenza, hija semghet ukoll ir-registrazzjoni (fuq CD) ta' diskors bejn diversi nies, liema registrazzjoni jidher li kienet giet ezibita fl-atti ta' kawza li kienet qed tinstema' (fl-ewwel istanza) flimkien mal-kawza kontra l-appellant, allura imputat, odjern. Tajjeb li jigi osservat mill-ewwel li din il-Qorti ma setghet tifhem xejn minn dak li hemm hekk registrat fuq din is-CD, li evidentement hija registrazzjoni ta' diverbju – wiehed jew aktar – shun hafna bejn diversi nies, u jinstemghu ukoll ilhna femminili. Kullma setghet tifhem sew din il-Qorti kien fejn jinghad xi kliem li jammonta ghal dagha bil-Madonna u bl-Ostja – u missu jisthi min lissen dan il-kliem.

Wara li, kif inghad, semghet il-provi kollha, din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti. Kif inhu risaput din il-Qorti, meta si tratta ta' apprezzament ta' provi, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel qorti; dan taghmlu biss jekk tkun tal-fehma li dak l-apprezzament kien manifestament zbaljat jew ikun imsejjes fuq enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi. Jekk l-ewwel qorti setghet, legalment u ragjonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha, din il-Qorti ma tkunx gustifikata li tiddisturba dik il-konkluzjoni semplicement ghax ikun hemm konkluzzjoni ohra li wiehed ugwalment seta', legalment jew ragonevolment, jasal ghaliha. Fil-kaz in dizamina, pero` u fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti kienet dik korretta.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentneza appellata. U peress li mill-atti ma jirrizultax li l-appellantt wettaq l-obbligazzjoni bil-miktub kif jirrikjedi l-Artikolu 386 tal-Kodici Kriminali, tordna li din issir bil-miktub fl-atti ta' dana l-appell bil-forma kif annessa ma' din is-sentenza. Il-Qorti tosserva wkoll li spiss qed jispiccaw quddiemha appelli fejn, minkejja li l-ewwel qorti tkun imponiet il-precett skond l-Artikolu 383 *et seq.* tal-Kap. 9, l-obbligu mhux qed jitwettaq bil-miktub quddiem il-Qorti Inferjuri kif suppost li jsir, forsi ghax ikun hemm l-intendiment li l-persuna misjuba hatja tkun ser tappella. Din il-Qorti terga' ttenni dak li qalet f'diversi sentenzi ohra li tali twettiq bil-miktub ghandu jsir <u>anke jekk il-persuna misjuba hatja mill-ewwel taghti avviz ta' appell</u>, u dan peress li l-obbligazzjoni bil-miktub (a differenza, per ezempju, tal-hlas tal-multa jew tal-ammenda meta l-piena tkun wahda pekunjarja) b'ebda mod ma tipprgudika d-dritt tal-persuna misjuba hatja li tappella, anke fejn l-unika "piena" ikun tali precett -- ma jistax jinghad li bil-firma tad-dokument kif ravvizat fl-Artikolu 386 tkun qed tigi "ezegwita" s-sentenza b'mod li jkun hemm xi forma ta' akwijixxjenza fiha. Ghalhekk din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tingieb minnufih a konjizzjoni tar-Registratur tal-Qrati ta' Ghawdex u tar-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, biex dawn jaghtu l-istruzzjonijiet

opportuni lid-deputati registraturi tal-awli, u jaraw ukoll li dawn l-istruzzjonijiet jigu osservati.

QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI
**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef VINCENT DEGAETANO LL.D.**

Illum, 25 ta' Jannar 2008.

**Appell Nru 311/07 G**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Portelli**

**<u>Obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9</u>**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-27 ta' Lulju 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Portelli** kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet illum, 25 ta' Jannar 2008, jien hawn taht iffirmat, **Joseph Portelli**, nobbliga ruhhi li ma nkellimx lil Peter Paul Portelli u li nzomm il-bon-ordni pubbliku f'dak li jirrigwarda lilu, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhhi li nhallas is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u tleita u disghin centezmu (Eur. 232.93) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal sena mil-lum.

_______________________
(Joseph Portelli)

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 25 ta' Jannar 2008.

_______________________
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------